# Ħsibijiet Ħajku

Sinjura mdandna
titbellaħ fi xjuħitha
werqa, fil-ħarifa.

Sema griż, kiebi,
qalb magħfusa, tross bikja
X'ħin tfur, terġa' x-xemx.

Arti fis-sema
Sħab minqux f'Kolossus ġdid
Nifs ir-riħ skalpell.

Żewġ sodod sema u art;
żewġ firxiet. Ikħal u aħdar.
Ħajbur u ngħaġ tewmin.

Miżiep iqattar
xita ta' thewdin miġbur
itektek, ħsieb ħsieb.

Żewġ ibħra jmewġu.
Wieħed jindhes ma' l-aħrax;
l-ieħor, mas-sejjieħ.

Qalbi, għal'int hekk?
B'inhar qatt ma nisimgħek
bil-lejl, tgħajjat wisq.

Qalila x-xitwa.
Rebbiegħa li ma tħaddarx
mela x'tissejjaħ?

Mewġa f'dagħdigħa
sidirha tiela' u nieżel
tagħti b'rasha mal-blat.

Kemm hi kerha l-Mewt
nhar Ħadd xemxi filgħodu;
nhar Ħadd l-Għid il-Kbir!